Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/2155(DEC)

5.12.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għas-sena finanzjarja 2024
(2025/2155(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Evin Incir

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota żieda konsegwenzjali fil-volum ta' każijiet tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), li laħaq 2 666 investigazzjoni attiva fl-2024, li minnhom kważi 30 % kellhom dimensjoni transfruntiera, u l-kisba ta' żieda sostanzjali fir-rati ta' akkużi (47 %) u l-miżuri ta' ffriżar tal-assi miksuba mill-Prosekuturi Delegati Ewropej;

2. Jinnota li fl-2024 l-UPPE pproċessa 6 547 rapport ta' kriminalità, liema ċifra tirrappreżenta żieda ta' 56 % meta mqabbla mal-2023, u dan huwa prinċipalment xprunat minn żieda sinifikanti fir-rapporti minn partijiet privati (żieda ta' 85 %) u minn awtoritajiet nazzjonali (żieda ta' 12 %) u juri individwar imtejjeb ta' frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni fl-Istati Membri parteċipanti u għarfien pubbliku akbar dwar ir-rwol tal-UPPE;

3. Jindika l-għadd dejjem jikber ta' każijiet relatati mal-frodi transfruntiera tal-VAT, li jammontaw għal aktar minn nofs il-ħsara stmata fil-każijiet tal-UPPE; jinnota, barra minn hekk, żieda sostanzjali fl-investigazzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-finanzjament tan-NextGenerationEU (żieda ta' 25 %);

4. Jenfasizza li l-maġġoranza l-kbira tal-investigazzjonijiet dwar il-frodi u reati oħra kontra l-baġit tal-UE għadhom imfixkla minn leġiżlazzjoni nazzjonali diverġenti u sforzi ta' infurzar mhux uniformi mill-Istati Membri;

5. Jisħaq li l-ammont tax-xogħol tiegħu kien sottovalutat b'mod konsiderevoli fil-qafas baġitarju inizjali, u dan ħalla lill-UPPE strutturalment sottofinanzjat u mingħajr persunal biżżejjed; jissottolinja li l-volum dejjem jikber ta' investigazzjonijiet ma jistax jiġi ġestit mingħajr persunal u riżorsi proprji adegwati sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament ikun akkumpanjat minn mekkaniżmi ta' obbligu ta' rendikont aktar b'saħħithom u minn rieżamijiet perjodiċi tal-prestazzjoni u b'hekk jiġi ggarantit l-użu effiċjenti tal-flus tal-kontribwenti tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha mal-UPPE u tipprovdi valutazzjoni aġġornata tal-ħtiġijiet tal-UPPE bil-ħsieb tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, li għandu jqis ukoll l-estensjoni tal-kompetenza territorjali tal-UPPE għall-Iżvezja u l-Polonja; ifakkar li l-UPPE huwa wieħed mill-ftit korpi tal-UE li jġibu riżorsi għall-baġit tal-UE fil-kuntest tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE;

6. Jenfasizza li r-rieżami tal-qafas leġiżlattiv li jirregola lill-Europol, lill-Eurojust, lill-OLAF u lill-UPPE għandu joffri opportunitajiet biex tiġi massimizzata l-effiċjenza fl-insegwiment ta' objettivi komuni b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-frodi, il-kriminalità finanzjarja, il-korruzzjoni u ħsara kriminali oħra għall-interess finanzjarju tal-UE, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi; jenfasizza li kooperazzjoni operattiva aktar mill-qrib u kapaċitajiet analitiċi kondiviżi ma' aġenziji oħra tal-UE bħall-Europol, l-Eurojust u l-OLAF jistgħu jiġġeneraw ekonomiji ta' skala importanti u jtejbu l-effiċjenza ġenerali; jistieden lill-UPPE jistabbilixxi kooperazzjoni soda ma' aġenziji oħra li jsegwu objettivi kondiviżi u li joffru potenzjal għoli ta' komplementarjetà; jindika f'dan ir-rigward, b'mod partikolari, l-Awtorità għall-Ġlieda

Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA) li għadha kif ġiet stabbilita u l-Awtorità Doganali Ewropea futura; jisħaq li l-individwar effettiv tal-frodi u tal-kriminalità finanzjarja jiddependi minn kooperazzjoni ġenwina mmexxija mid-data u minn kondiviżjoni ġenwina tal-informazzjoni fost l-atturi kollha fi ħdan l-arkitettura tal-UE kontra l-frodi; jisħaq li din il-kooperazzjoni jeħtieġ li topera f'konformità sħiħa mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u s-salvagwardji proċedurali;

7. Ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni li taċċelera r-rieżami tal-mandat tal-UPPE u jistenna li tali rieżami jwassal għall-estensjoni tal-kompetenza tiegħu; jenfasizza t-talbiet ripetuti tiegħu għall-espansjoni tal-ġuriżdizzjoni tal-UPPE għal oqsma oħra ta' kriminalità serja, bħall-ksur tas-sanzjonijiet tal-UE; jisħaq, madankollu, li tali espansjoni trid tkun preċeduta minn valutazzjoni tal-impatt sħiħa u minn riżorsi baġitarji u umani suffiċjenti biex tiġi żgurata l-effettività operattiva;

8. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-UPPE jiżviluppa, b'riżorsi xierqa, sistemi diġitali awtonomi li jgħinuh jindirizza reati finanzjarji transfruntiera dejjem aktar kumplessi, li jkunu aktar sofistikati u li jkunu jinvolvu teknoloġiji diġitali emerġenti; jesprimi tħassib dwar id-dewmien fl-iżvilupp tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet tiegħu; jinnota l-ammont importanti ta' data li l-UPPE jiġbor matul l-investigazzjonijiet b'mod partikolari f'każijiet kumplessi finanzjarji, ta' kriminalità organizzata u ta' ħasil tal-flus, u li għadu mhux utilizzat biżżejjed minħabba n-nuqqas ta' kapaċità analitika interna; jilqa' l-adozzjoni tal-istrateġija dwar iċ-ċibersigurtà u tal-qafas għaċ-ċibersigurtà tal-UPPE, u jappella biex dawn jiġu implimentati malajr u b'mod komprensiv; iħeġġeġ lill-UPPE jagħti prijorità lill-interoperabbiltà u lis-sigurtà tad-data fit-trasformazzjoni diġitali tiegħu, filwaqt li jiżgura l-kompatibbiltà mas-sistemi tal-Europol u tal-Eurojust u fl-istess ħin jipproteġi d-drittijiet fundamentali;

9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri li għadhom ma ngħaqdux mal-UPPE jagħmlu dan mingħajr dewmien, sabiex jiżguraw sistema verament pan-Ewropea ta' ġustizzja kriminali li tkun kapaċi tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tirrispondi b'mod effettiv għall-kriminalità organizzata u għall-korruzzjoni; jisħaq li l-frammentazzjoni li tirriżulta min-nonparteċipazzjoni timmina l-koerenza u l-effiċjenza tal-arkitettura ġudizzjarja tal-UE, u li l-parteċipazzjoni sħiħa tal-Istati Membri kollha kieku ssaħħaħ b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-Unjoni li tindividwa, tinvestiga u ġġib quddiem il-ġustizzja reati serji li jaffettwaw il-baġit tal-UE; ifakkar li l-parteċipazzjoni fl-UPPE tirrappreżenta pedament tal-arkitettura ġudizzjarja u kontra l-frodi komuni tal-Unjoni, filwaqt li tiżgura l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-integrità tal-istituzzjonijiet tagħha; jappella biex il-parteċipazzjoni fl-UPPE tkun rekwiżit għall-Istati Membri futuri kollha bħala parti mill-proċess ta' adeżjoni mal-UE, sabiex jiġi żgurat livell uniformi ta' obbligu ta' rendikont, ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u ta' infurzar madwar l-Unjoni;

10. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' djalogu kontinwu u strutturat mal-Istati Membri li diġà jipparteċipaw fl-UPPE sabiex jiġu indirizzati l-isfidi prattiċi li jiffaċċjaw fil-ġlieda kontra l-ksur tal-istat tad-dritt u l-korruzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja lil dawn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni konkreta tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Rapporti annwali dwar l-Istat tad-Dritt u tiżgura li t-tagħlimiet meħuda fil-qafas tal-UPPE jikkontribwixxu għal approċċ aktar b'saħħtu u koerenti fil-livell tal-Unjoni għall-integrità ġudizzjarja u l-obbligu ta' rendikont.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li fl-opinjoni tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
Transparency International EU / EU transparency register: 501222919-71

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	3.12.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 52 –: 12 0: 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Giuseppe Antoci, Jaume Asens Llodrà, Pernando Barrena Arza, Nikola Bartůšek, François-Xavier Bellamy, Ioan-Rareş Bogdan, Saskia Bricmont, Jaroslav Bžoch, Damien Carême, Susanna Ceccardi, Caterina Chinnici, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Alessandro Ciriani, Lena Düpont, Marieke Ehlers, Estrella Galán, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Paolo Inselvini, Irena Joveva, Erik Kaliňák, Marina Kaljurand, Mariusz Kamiński, Fabienne Keller, Mary Khan, Alice Kuhnke, Murielle Laurent, Fabrice Leggeri, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Michael McNamara, Ana Catarina Mendes, Verena Mertens, Nadine Morano, Matjaž Nemec, Ana Miguel Pedro, Ilaria Salis, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Petra Steger, Cecilia Strada, Alice Teodorescu Måwe, Tomas Tobé, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Kristian Vigenin, Isabel Wiseler-Lima, Ewa Zajączkowska-Hernik, Alessandro Zan, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Katarina Barley, Anna Maria Cisint, Markéta Gregorová, Monika Hohlmeier, Nikola Minchev, Javier Moreno Sánchez, Jan-Christoph Oetjen, Leoluca Orlando, Oliver Schenk, Sebastian Tynkkynen, Alexandre Varaut, Maciej Wąsik
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Stefano Cavedagna, José Cepeda, Pietro Fiocchi, Andrey Kovatchev, Marcos Ros Sempere, Michał Szczerba, Catarina Vieira

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

52	+
PPE	Magdalena Adamowicz, François-Xavier Bellamy, Ioan-Rareş Bogdan, Caterina Chinnici, Lena Düpont, Monika Hohlmeier, Andrey Kovatchev, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Verena Mertens, Nadine Morano, Ana Miguel Pedro, Oliver Schenk, Michał Szczerba, Alice Teodorescu Måwe, Tomas Tobé, Isabel Wiseler-Lima, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
PfE	Jaroslav Bžoch
Renew	Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Irena Joveva, Fabienne Keller, Michael McNamara, Nikola Minchev, Jan-Christoph Oetjen
S&D	Katarina Barley, José Cepeda, Marina Kaljurand, Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemec, Marcos Ros Sempere, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Cecilia Strada, Kristian Vigenin, Alessandro Zan
The Left	Giuseppe Antoci, Pernando Barrena Arza, Damien Carême, Estrella Galán, Ilaria Salis
Verts/ALE	Jaume Asens Llodrà, Saskia Bricmont, Markéta Gregorová, Alice Kuhnke, Leoluca Orlando, Catarina Vieira

12	-
ESN	Mary Khan, Milan Uhrík, Ewa Zajączkowska-Hernik
NI	Erik Kaliňák
PfE	Nikola Bartůšek, Susanna Ceccardi, Anna Maria Cisint, Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri, Petra Steger, Tom Vandendriessche, Alexandre Varaut

7	0
ECR	Stefano Cavedagna, Alessandro Ciriani, Pietro Fiocchi, Paolo Inselvini, Mariusz Kamiński, Sebastian Tynkkynen, Maciej Wąsik

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni